9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 3, miżmuma nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2019 fil- 5.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Carlos Zarb Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Is-Sindku Alfred Grima fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġij**

Infetħet il-laqgħa u ma kien hemm l-ebda ttra ta' apoloġija. Il-Laqgħa bdiet, filwaqt li il-Viċi Sindku Daryl Connor u l-Kunsilliera Carlos Zarb u Stephen Cremona ma kienux preżenti.

**3.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti - Laqgħa (2)**

Pagna 4 – Item rigward pagamenti minn Nr. 479 sa Nr. 507- tizdied is-sentenza li l-Kunsillier Graziella Galea ivvotat kontra rigward il-pagament Nr.479.

Pagna 5 – Item Nr 607 – tinbidel is-sentenza għal ' Il-Kunsill oġġezjona sakemm tinġab kjarifika mid-Dipartiment.

Pagna 6 – Item 616 – Tizdied il-kelma 'Il-maġġoranza tal-Kunsill' fil-bidu tas-sentenza.

Item 2.9 – Minflok il-kliem ' minn tal-inqas' tinkiteb il-kelma 'sa tmienja'

Minuti approvati hekk kif emendati

Il-Kunsillier Carlos Zarb daħal għal laqgħa fis-17.40hrs.

**3.3 Punti mill-minuti**

Ġie mistoqsi jekk il-Kunsilliera fil-minoranza humiex ser izommu l-istess posizzjoni rigward il-karigi li ġew assenjati. Qed tintalab risposta legali. Il-Kunsilliera fil-minoranza ser izommu l-istess pozizzjoni sakemm jirċievu risposta minn għand id-Dipartiment.

Il-Viċi Sindku daħal għal laqgħa fis-17.50.

- e) Il-Kunsilliera Graziella Galea ħejjiet l-applikazzjoni. Id-dokumenti rigward il-proġett tal-kura tal-annimali fil-komunita ġew sotomessi fil-ħin.

- F) Re- Film Grain Fondation, il-Kunsill approva mingħajr ma ikun hemm spejjez ghal-kunsill.

- I) Re-Email tas-Sinj Karen Tanti ma kienx hemm informazzjoni x'wieħed iżid.

- Item 2.12 – Ġie kkonfermat li saret l-objection rigward PC00019/19

Re- Awditjar Finanzjarju – sa issa għadu ma sar l-ebda progress.

Il-Laqgha ġiet sospiza sakemm tkelmet l-Accountant Romina Perici Ferrante rigward **item 3.6.1 – Financial Q1 & Q2**

**3.6.1 Financial Q1 & Q2**
Ir-Rapporti Quater 1 u Quater 2 ġew approvati hekk kif preżentati. Kien hemm qbil unanimu.

**3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

a) Il-Kunsill approva unanimament li jinxtraw 4 sets ta' bnadar u jingħata set għas-simenta.

b) Slavko Butanovic – Valletta 18 – talab lill-Kunsill permess għat - 30.08.19 sabiex jintwera film fejn it-Torri Wignacourt, sponsor minn kumpanija privata. L-entratura hija b'xejn u ser ikun hemm stalls tal-ikel. Mhiex attivita ta' fund raising.
Il-Kunsill approva din it-talba bil-kundizzjoni li l-ispejjes jħalsuhom huma kif ukoll iħallu depositu ta' €500 fuq it-tindif.

c) Il-Kunsill ma approvax talba sabiex issir lapida il-Menqa fejn il-Veċċa. Dan minħabba l-fatt li jista jinqala preċident.

d) Saret petizzjoni minn 23 persuni barranin u sid ta' restorant rigward il-skart akkumulat fi Triq il-Korp tal-Pijunieri. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-post imsemmi tnaddaf mid-departiment tal-Cleansing. Ipropona li jittieħdu passi kontra s-sidien minħabba li l-Bin on wheels li qeda tintuża mil-istabiliment hija mingħajr permess. Il-Kunsill qabel.

e) Inkonvenjenza bil-ħamiem- Kien hemm suġġeriment li għandhom isiru tabelli biex l-pubbliku ma jitmahomx. Is-Sindku propona li niehdu parir mill-animal welafare. Il-Kunsill qabel.

f) Inizjattiva Anzjan fil-lokalita – Ġie proponut is-Sinj Elio Lombardi bħala wieħed mil-pijuniri ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsilliera intalbu jressqu s-suġġerimenti tagħom ghad-diskussjoni tal-board. Il-Kunsilliera Graziella

Galea proponiet lill-Kunsilliera Antoinette Bezzina bħala anzjana attiva fil-lokalita. Is-Sindku ssekonda

g) Il-Kunsill irċieva talba għal No objection għal attivita fl-24.11.2019 –Ser issir telliqa fuq il-bankina fejn Ta' FraBen. Il-Kunsill approva unanimament.

h) Malta Cycling federation - jitolbu permess li nhar il-Ħadd 28 ta' Lulju 2019 jgħalqu l-aċċess għal vetturi fil-Bypass. Il-Kunsill maprovax din it-talba minħabba li kien hemm il-festa tal-lokalita.

i) Il-Kunsill irċieva ittra min għand l-Arms rigward Burmarrad Sports Centre. Is-Sindku tkellem rigward kuntratt li sar fi zmien meta kienet Sindku Graziella Galea.

j) Sar rapport rigward periklu li jinstab fil- kids park. Intqal li saru rapporti lill Planning Authority u s-SE informat li saret ittra uffiċjali lil-Enemalta fejn ġew informati li huma responsabbli f'kaz ta' inċident

k) Il-Kunsillier Paul Bugeja talab li-korrispondenza tal-latrini titla fil-laqgħa li jmiss

Il-Kunsillier Stephen Cremona daħal għal-laqgħa fis-18.50.

## 3.5 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>

Il –Kunsillier Paul Bugeja staqsa mistoqsija lis-Segretarja Ezekuttiva fejn din ser tkun iċċarata fil-laqgħa li jmiss.

L-Istat tat-Triq Dawret in-Nawfragju – Is-Sindku informa li l-Gvern lest li jibdel is-soqfa avolja dawn ma jaqgħawx taħt ir-responsabilta tiegħu legalment. Madankollu hemm tlett sidien li għadom ma ġewx rintraċċati u hemm kas li huwa bejn l-aħwa il-qorti. Minn naħa tal-Kunsill għandna ninformaw lir-residenti li hemm l-pjan li jsiru x-xogħolijiet rikjesti f'din it-Triq iżda fadal ftit kjarifiki x'ijsiru.

Triq il-Paċi – Is-Sindku informa li flaħħar Ġimgħa ingħata l-asfalt sabiex jitneħħew il-ħofor perikoluzi.

## 3.6 <u>Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti –</u>

**3.6.2 Rapport ta' Intervisti – Ingaġġ ta' ħaddiema**
Il-Kunsill ġie nformat li saru żewġ interviews, u qabel li l-ewwel impjegata tingħata l-post vakanti wara li hi taħdem it-tnax il-Ġimgħa notice u impjegata B għandha tagħmel prova ta' ħames tijiem volotarjat u l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi. Ġie mistoqsi jekk huwiex permessibbli li jinkitbu l-ismijiet tal-impjegati fil-minuti, kien hemm qbil li tintalab direzzjoni.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.7 Item: Traffic & Pollution reduction project / Push Scooters**
Wara diskussjoni dwar l-vantaġġi /żvantaġġi tal-proġett propost, il-Kunsill approva unimament mal-proġett fejn ġie deċiż li jinstabu siti fejn jiġu stazjonati.

**3.8 Item: Attivitajiet**

**Karnival tas-Sajf** – Il-Viċi Sindku nforma li din is-Sena l-attivita ser tkun ikbar minn tas-sena l-oħra. Informa ukoll li attenda għal laqgħa li saret mal-organizatturi. Ser ikun hemm €8000 fondi mil-Gvern għal din l-attivita li ser issir fil 23 u 24 t'Awwissu 2019 fejn tikkonsisti minn 14 il-karru l-Ġimgħa u 7 karrijiet is-Sibt. L-orgaizzaturi informaw li mhiex ser issir il-ġostra minħabba l-insurance, u minħabba f'hekk il-Kunsill propona jekk jistax jinstab xi ħadt privat li jieħu responsabilta li jorganizza l-ġostra.

Il-Kunsill approva budget bl-ammont ta' €20,000 eskluż immaniġjar tat-traffiku.

**Clean ups** – Is-Sindku irringrazja l-istudenti tal-Junior College għal clean up li ġiet organizatta kif ukoll clean up oħra mid-Divers.
Kien hemm rimarka ukoll li għal minn ikun interesat jiproponi clean ups bħal dawn fil-baħar, trid issir Notice to Mariners u Transport Malta xahar qabel.

**3.9 Item: Hruġ ta' kwotazzjoni ta' tindif ta' culverts**
Ġie rrimarkat li x-xogħol li sar is-sena l-oħra kien tajjeb ferm.
Il-Kunsill qabel li jinħarġu kwotazjonijiet u l-Kunsillier responsabbli għandu ikun ikkupjat. Il-Kunsill qabel.

**3.10 Item: Hrug ta' kwotazzjonijiet għal CCTV's latrina pubblika Sirens**
Is-Sindku propona li jsiru CCTV – Il-Kunsill qabel

**3.11 Item: PC 00003/18**
Il-Kunsillier Stephen Cremona rrimarka li għandu kunflitt ta' interess –
Il-Kunsill qabel li jitqabbad l-Perit sabiex jipprovdi aktar informazzjoni dettaljata.

**3.12 Item: Update – Gbir ta' skart – Komunikazzjoni mal-pubbliku**

Update : Ġiet prezentata Press Release.
Il-Kuntrattur intalab jaghti stiema biex jitpoġġew skips fi 15 il-sit bil-Kunsill iħallas id-differenza biex dawn jitbatlu kuljum.

**3.13 Item: Dwal tas-Shoreline Xemxija għal fuq id-dgħajjes**

Il-Kunsill approva li tigi kif kienet qabel.

**3.14 Item: Approvazzjoni – Partecipazzjoni Skemi**

Il-Kunsill qabel li għandom jintbgħatu l-proposti rigward il-Librerja.

**3.15 Item: Applikazzjoni għal meter tad-dawl u ilma f'ta' l-Għazzenin**

Il-kunsill approva li ssir talba mal-Fisheries għal meter tad-dawl u ilma f'ta' l-Għazzenin.

**3.16 Item: Festa**

Il-Kunsill informa lis-Sidien kollha tal-istabilimenti li l-bziezaq mhumiex permessi. Ser ikun hemm il-presenza tal-Uffiċjali tal-Pulizija mal-Barriers u l-Informazjoni għandha tiġi mtella fuq il-paġna tal-media soċjali tal-Kunsill.

**3.17 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oggetti/servizzi.**

Is-Segretarja Ezekuttiva proponiet li jiġu ordnati l-istickers tal-iskart. Il-Kunsill approva.
Il-Kunsillier Paul Bugeja reġa' rrimarka li għandu jitnizzel it-total ta' fuel li tingħata lill-kull vettura separatament.

Item 631 – irid jinbidel għal T (Tender)– Is-Sidku talab rendikont tax-xahar ta' Ġunju.

Item 649 – Paramount
Favur : Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech, Anthony Attard u s-Sindku
Kontra : Il-Kunsilliera, Mario Salerno, Antoinette Bezzina, Christopher Vella Petroni, Anthony Delia, u Alfred Bray .
Astenzjoni : Il-Kunsilliera Graziella Galea, Paul Bugeja u Carlos Zarb.
Il-Kunsillier Stephen Cremona ddikjara konflitt ta' interess.

L-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata. Il-Kunsillier Anne Marie Fenech bħala proponent u l-Kunsillier Paul Bugeja bħala sekondant

**3.18 <u>Affarijiet oħra</u>**

Il-kunsill approva li ssir applikazzjoni ma Transport Malta sabiex Triq il-Merluzz tigi one-way l-isfel.

**3.19 <u>Aġġornament għall-laqgħa li jmiss</u>**

Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 t' Awwissu 2019 fis-sitta ta' filgħaxija.

<IFFIRMATA>

Alfred Grima
Sindku

<IFFIRMATA>

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv